II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 743/2014

tad-9 ta' Lulju 2014

li jissostitwixxi l-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 fir-rigward tal-Frekwenza minima ta' analiżijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Anness VII tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 ([2]) jiddetermina l-frekwenza minima tal-analiżijiet għall-karburanti u l-materjali rilevanti li għandhom jiġu applikati mill-operaturi għad-determinazzjoni ta' fatturi ta' kalkolu.

(2) L-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 jipprevedi li l-Anness VII ta' dak ir-Regolament għandu jiġi rivedut fuq bażi regolari u għall-ewwel darba f'mhux aktar minn sentejn minn meta r-Regolament (UE) Nru 601/2012 jidħol fis-seħħ.

(3) L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 għandu jiġi emendat biex jiċċara l-klassifikazzjoni u l-kategorizzazzjoni ta' karburanti u materjali elenkati fih sabiex titjieb il-konsistenza xierqa fir-rigward tal-applikazzjoni ta' fatturi xierqa użati fil-kalkolu tal-emissjonijiet.

(4) Fl-interess taċ-ċarezza, l-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 jixraq li jinbidel.

(5) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 601/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

tagħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS VII

Frekwenza Minima ta' Analiżijiet (l-Artikolu 35)

Karburant/materjal	Il-frekwenza minima ta' analiżijiet
Gass naturali	Tal-anqas kull ġimgħa
Gassijiet oħra, b'mod partikolari gass ta' sinteżi u gassijiet tal-proċess bħal gass imħallat tar-raffinerija, gass tal-forn tal-kokk, gass tal-forn tal-blast, gass tal-konvertitur	Tal-anqas kuljum — bl-użu ta' proċeduri xierqa f'partijiet differenti tal-jum
Żjut tal-karburant (pereżempju żejt tal-karburant ħafif, medju, tqil, bitumen)	Kull 20 000 tunnellata ta' karburant u tal-anqas sitt darbiet fis-sena
Faħam, faħam tal-produzzjoni tal-kokk, kokk tal-petroleum, pit	Kull 20 000 tunnellata ta' karburant/materjal u tal-anqas sitt darbiet fis-sena
Karburanti oħra	Kull 10 000 tunnellata ta' karburant u tal-anqas erba' darbiet fis-sena
Skart solidu mhux ittrattat (fossili puri jew fossili tal-bijomassa mħallta)	Kull 5 000 tunnellata u tal-anqas erba' darbiet fis-sena
Skart likwidu, skart solidu ttrattat minn qabel	Kull 10 000 tunnellata ta' skart u tal-anqas erba' darbiet fis-sena
Minerali tal-karbonat (inklużi ġebel tal-ġir u dolomit)	Kull 50 000 tunnellata ta' materjal u tal-anqas erba' darbiet fis-sena
Tafal u shale	Ammonti ta' materjali li jikkorrispondu għal 50 000 tunnellata ta' CO_2 u tal-anqas erba' darbiet fis-sena
Materjali oħra (prodott primarju, intermedju u finali)	Jiddependi mit-tip ta' materjal u mill-varjazzjoni, ammonti ta' materjal li jikkorrispondu għal 50 000 tunnellata ta' CO_2 u tal-inqas erba' darbiet fis-sena"